MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 219/2010

**Go p.l.c.(C 22334)
vs
Hix Limited (C 2327)**

Rat ir-rikors li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti titlob lis-socjeta' intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' disat elef mija u tlettax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€ 9113.75) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta' ntimata in konnessjoni ma' servizzi telefonici skond id-dokument anness ma' l-istess rikors immarkat bhala Dok.A. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-istess socjeta' intimata.

Rat li r-Rikors tas-socjetà rikorrenti gie appuntat ghas-smigh ghal nhar il-Gimgha 22 t' Ottubru 2010 fid-9:30 a.m., u li l-istess Rikors gie notifikat lis-socjeta' intimata.

Rat illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-Rikors imsemmi izda naqset milli tirrispondi ghall-istess Rikors entro t-terminu lilha prefiss u

naqset milli tidher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ rikorrenti u l-fatt li s-socjeta' naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza u semghat lil PL Noel Scerri fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2011 li kkonferma il-kontenut tar-rikors u rrileva li l-ammont ta' disat elef mija u tlettax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€ 9113.75) ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa’ t-talba u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta' disat elef mija u tlettax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€ 9113.75) L-imghaxijiet u spejjez, komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, huma a karigu tas-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------